

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1940 tal-10 ta' Diċembru 2018 sa fejn ir-rikorrent jinżamm fin-Nru 11 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/788/PESK;
- tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1931 tal-10 ta' Diċembru 2018 sa fejn ir-rikorrent jinżamm fin-Nru 11 tal-Anness Ia tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005;
- tikkonstata l-illegalità tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(2)(a) tad-Deċiżjoni 2010/788/PESK u tal-Artikolu 2b(1)(a) tar-Regolament (KE) 1183/2005/KE;
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża, inkluż ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni li jippermetti li jiġu ġġustifikati l-miżuri u li tiġi ggarantita protezzjoni ġudizzjarja effettiva, kif ukoll ksur tad-dritt għal smigħ.
2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq ksur manifest ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-implikazzjoni tar-rikorrenti fatti li jostakolaw soluzzjoni kunsenswali u paċifika bil-għan ta' żamma ta' elezzjonijiet fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo.
3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq ksur tad-dritt għal haġja privata u tal-prinċipju ta' proporzjonalità.
4. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq l-inapplikabbiltà tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(2)(a) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK tal- 20 ta' Diċembru 2010 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2008/369/PESK (ĠU 2010, L 336, p. 30) u tal-Artikolu 2b(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1183/2005 tat-18 ta' Lulju 2005 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo ta' l-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU 2008, L 352M, p. 231). F'dan ir-rigward, ir-rikorrent isostni li l-kriterju legali kif iddefinit f'dawn l-artikoli, li fuqu hija bbażata l-inklużjoni tar-rikorrent fil-listi inkwistjoni, jikser il-prinċipju ta' prevedibbiltà tal-atti tal-Unjoni u l-prinċipju ta' proporzjonalità sa fejn jikkonferixxi lill-Kunsill setgħa arbitrara u diskrezzjonali.

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Frar 2019 — Dermativa vs EUIPO — Allergan Holdings France (JUVÉDERM)

(Kawża T-104/19)

(2019/C 139/86)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Dermativa Co. Ltd (Bejrut, il-Libanu) (rappreżentant: G. Paricheva, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Allergan Holdings France SAS (Courbevoie, Franza)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea JUVÉDERM — Trade mark tal-Unjoni Nru 5 807 169

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-19 ta' Diċembru 2018 fil-Każ R 263/2017-4

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO u lill-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell sabiex ibatu l-ispejjeż tagħhom stess kif ukoll dawk sostnuti mir-rikorrenti f'kull stadju tal-azzjoni għal revoka u tal-proċedimenti ta' appell, inklużi l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fl-20 ta' Frar 2019 — Louis Vuitton Malletier vs EUIPO — Wisniewski (Rappreżentazzjoni ta' disinn ta' chequerboard)

(Kawża T-105/19)

(2019/C 139/87)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Louis Vuitton Malletier (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: P. Roncaglia, G. Lazzeretti, N. Parrotta u F. Rossi, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Norbert Wisniewski (Varsavja, il-Polonja)